**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU TLIETA U ERBGĦIN 5ta' SETTEMBRRU, 2018**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.15ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjur Ignatius Farrugia, l-Viċi Sindku Rita Grima u l-Kunsilliera Dr Tiffany Ann Farrugia, l-Kunsillier Dr Jean Pierre Attard, is-Sur Pierre Farrugia, s-Sur Kenneth Farrugia, s-Sur David Abdilla u s-Sur Dino Bonnici.

**Ambaxxatur taż-Żgħażagħ**

Is-Sur Kaydem Schembri attenda għas-seduta.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Ignatius Farrguia ppresjeda s-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **43.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 43.1.1 | | Il-Kunsillier is-Sur Joseph DÁmato nforma li ma setgħax jattendi għax ser ikun imsiefer**. Dok 1 mehmuż**. |
| | | |
| **43.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| | | |
| 43.2.1 | | Ġew approvati l-minuti tat-tnejn u erbgħin –il seduta. |
| | | |
| ***43.3*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 43.3.1 | | Is-Sinku informa li fil-21 ta' Ottubru ser jibda l-attivitajiet għall-anzjani tax-xhur tax-xitwa. L-attivita' ser tkun Għawdex. Kien hemm qbil. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| 43.3.2 | | Is-Sindku qal li ser issir laqgħa tas-Sindki ġol-Armenja fejn ser ikun hemm mat-800 sindku minn madwar id-Dinja kollha u ġew mistiedna għaliha s-Sindki taż-Żurrieq, Qrendi u Ħamrun. L-ispejjeż kollha imħallsa mill-organizzaturi. Din ser issir fil-ġimgħa li ġejja. |
| | | |
| ***43.4*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 43.4.1 | | Il-Kunsillier David Abdilla qal li rappreżentanti ta' Andermunde infurmaw li ġejjin fiż-Żurrieq jew bejn it-8 u t- 12 jew bejn it- 22 u s-26 ta' Novembru, 2019. Hekk kif ikollu aktar tagħrif, jinforma lill-Kunsill. |
| | | |
| 43.4.2 | | Il-Kunsilllier Tiffany Ann Farrugia talbet biex residenta miż-Żurrieq, b'diżabilita' tikteb artiklu fil-Kunsill news li jmiss. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 43.4.3 | | Il-Viċi Sindku qalet li kienet infurmata minn residenti li għandhom appuntament fiċ-ċentru tas-saħħa l-ġdid f'Ħal Kirkop fi ftit ġimgħat oħra. Hi qalet li kitbet lid-Dipartiment u infurmathom li tħossha diżappuntata li kellha tkun infurmata minn residenti, minflok b'mod formali mill-Ministeru/dipartiment.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li llum il-Kunsill irċieva stedina għal ftuħ uffiċċjali. |
| | | |
| | | |
| ***43.5*** | | ***RAPPORTI*** |
| | | |
| 43.5.1 | | Ma kienx hemm rapporti x'jitressqu |
| | | |
| ***43.6*** | | ***ITEMS OĦRA TA' XOGĦOL IEĦOR TAL-KUNSILL LOKALI LI JKUNU MEĦTIEĠA.*** |
| | | |
| | | |
| ***43.6A*** | | ***ĠBIR TA' SKART ORGANIKU*** |
| | | |
| 43.6A.<br>1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hekk kif kienet infurmat lill-Kunsill permezz ta' email, f'Malta mil-31 ta' Ottubru, 2018, ser tibda titħaddem is-sitema ta' ġbir ta' skart organiku ma Malta kollha. Il-Kunsill taż-Żurrieq ingħata l-option li jgħażel li l-iskart tal-borża s-sewda, jew jinġabar it-Tnejn u l-Ħamis u s-Sibt u l-Ħadd ma jinġabar xejn, jew li jinġabar it-Tnejn u s-Sibt u l-Ħamis jibqa kif inhu bħalissa u ma jinġabarx skart ħlif għal-ħġieġ darba kull ħmistax.<br>Permezz ta' email dawk li wieġbu għażlu, l-ewwel għażla li l-iskart tal-borża s-sewda jinġabar it-Tnejn u s-Sibt. Il-wasteserv ġew infurmati b'din l-għażla. |
| | | |
| ***43.6B*** | | ***LAMPI ĠODDA FI TRIQ SAN MIKIEL*** |
| | | |
| 43.6B1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ġabret tliet stimi għal-lampi ornamentali għal Triq San Mikiel. Dok 2 mehmuż.:<br>MQUIP CO LTD – 3,375Euro li ma jinkludiex it-twaħħil<br>ANDREW VASSALLO GENERAL TRADING LTD – 11,108.52Euro mingħajr installazzjoni. |

| | | |
|---|---|---|
| | | NEXOS LTD – 4,050Euro li jinkludi l-istallazzjoni.<br><br>Kien hemm qbil li jiġu ordnati mingħand Nexos Ltd. |
| | | |
| | | |
| ***43.6.D*** | | ***APPROVAZZJONI:XOGĦLIJIET U SERVIZZI*** |
| | | |
| 43.6D.<br>1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni fuq ilment li daħal minn Triq San Ġorġ quddiem 'The Lodge", biex issir 'U' bar minħabba l-perikli li qed ikun hemm ta' vetturi kbar li jitilgħu fuq il-bankina. |
| | | |
| 43.6D.<br>2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill qed ikollu problemi bil-kuntrattur il-gdid tax-xogħol tal-bankini. Fiż-żmien li ffirma l-kuntratt kull ma għamel żewġ biċċiet xogħol. L-appuntamenti mal-Kunsillier Joseph D'Amato qatt ma jonorah. Din il-ġimgħa nkitbitlu ittra ta' twissijja. Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet email li hi bagħtet f'isem il-Kunsill lill-kuntrattur Cat Bros Ltd li ħa l-kuntratt il-ġdid ta' manutenzjoni ta' bankini. **Dok 2 mehmuż**. Kien hemm qbil li nistaqsu lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, l-approvazzjoni biex tinħareġ talba għal-ħruġ ta' tender oħra.<br><br>F'dan il-punt is-Sindku tkellem fuq il-kuntratt tal-knis li ż-Żurrieq jinsab fl-istess sitwazzjoni. Kien hemm qbil li l-Kunsill jikteb ittra uffiċċjali lill-kuntrattur u jekk dan ma jirregolarizzax il-pożizzjoni tiegħu, l-Kunsill jitlob lid-dipartiment biex dan il-kuntrattur jitneħħa ukoll. Bubaqra kemm ilu dan il-kuntratt għadu ma sarx u it-toroq fejn għadda l-marċ u fejn kien hemm il-gabbani tal-festa, għadhom bl-ikel tal-festa. |
| | | |
| 43.6D.<br>3 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba tal-Għaqda Karmelitana u Banda Queen Victoria, biex tingħata permess għall-attivitajiet fil-ġnien tal-Ġibjun, bejn Ġunju u Settembru 2019. Bħalissa l-Kunsill qed jiddiskuti bye law li tirregola l-attivitajiet tal-Ġnien il-Ġibjun u filwaqt li aċċetta d-dati msemmija ser nibgħatu aktar informazzjoni sa' seduta oħra. |
| | | |
| 43.6D.<br>4 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba minn resident ta' Triq il-Ħaddiema biex jitneħħa l-yellow line li hemm quddiem żewġt idjar partikolari. Kien hemm qbil li fuq dan il-każ, il-Kunsill jieħu l-parir ta' Transport Malta. |
| | | |
| 43.6D.<br>5 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba mis-Sindku ta' Ħal Safi s-Sur Johan Mula, fejn qed jitlob li l-parti fejn hemm Misraħ Ħlantun u Triq Ħal Far ara **Dok 3 mehmuż** jinqalbu l-konfini tagħhom, anke għall-fatt li preżentament il-Kunsilli qed jieħdu l-inkarigu u ħsieb dak mitlub fl-email, diġa. Imma dan qed jintalab biex il-kwistjoni issir formali.<br><br>Il-Kunsill Joseph D'Amato li kien tkellem mas-Sindku Johan Mula, talab li peress li ma kienx ser ikun ser jattendi għal din is-seduta, dan l-item jiġi diskuss f'seduta oħra. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| | | |
| ***43.7*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA/ KUNSILL LOKALI ŻGĦAŻAGĦ*** |
| | | |
| 43.7.1 | | Ġew approvati l-minuti tas-seduta numru 51 tal-Kumitat Amministrattivta' Bubaqra. |
| | | |
| ***43.8*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAR-REĠJUN NOFSINHAR, TAL-GALXLOKK u TAL-ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI*** |
| | | |
| 43.8.1 | | Ġew approvati l-minuti tar-reġjun nofsinhar numri 5, 6, 7, 8, 9 u 10 minn April sa Awwissu rispettivament. Ġew moqrija l-minuti tal-laqgħa tal-eżekuttiv numru 10 li saret fit-26 ta' Lulju, 2018 tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. |
| | | |
| | | |
| ***43.9*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 43.9.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 4** għall-ammont totali ta' **€109,727.93.**<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u l-Viċi Sindku Rita Grima u l-kunsilliera Pierre Farrugia.<br><br>Din hi l-lista approvata tal-impjegati li ser jidħlu overtime għas-sibtijiet. Laqgħat oħra ta' sotto kumitati, li jinqalgħu u li s'issa m'hemmx dati tagħhom, jiġu approvati f'seduta oħra.<br><br>**Overtime / Extra Working Hours** |

## OVERTIME / EXTRA WORKING HOURS

| OCTOBER | OFFICER | € |
|---|---|---|
| | | |
| 6 | Clerk B - Reduced Hrs | 36.61 |
| 13 | Clerk A - Full Time | 40.08 |
| 20 | Clerk B - Full Time | 45.36 |
| 27 | Clerk A - Full Time | 40.08 |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| | | |
| ***43.10*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 43.10.1 | | Il-laqgħa ntemmet b’dan l-item fuq l-aġenda fis-20:00. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa ta’ 10 ta’ Ottubru, 2018 fis-6.15 ta’ filgħaxija. |

Konfermati, illum _10__ ta’ OTTUBRU, 2018.

IFFIRMAT

Ignatius Farrugia
**Sindku**

IFFIRMAT

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**